MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Numru. 191/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**vs**

**ANTHONY GRECH bin George u Rita nee' Grech, imwieled fit-tmintax ta' Ottubru, 1962 u residenti Arcadia, Triq il-Professur Guze Aqulina, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 50362(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ANTHONY GRECH** bin George u Rita nee' Grech, imwieled fit-tmintax ta' Ottubru, 1962 u residenti 'Arcadia', Triq il-Professur Guze Aqulina, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru

50362(G) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-ghaxra (10) ta' Marzu, 2006 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (7:45am) fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar li jinsab fi Triq Professur Guze Aquilina, Munxar, Ghawdex, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti.

Semghet lil imputat jiddikjara li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandiex aktar provi xi tressaq.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat ANTHONY GRECH hati tal-akkuza kif dedotti kontra tieghu w ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------